Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 390/2018

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Busuttil)
(Spettur Paula Ciantar)
(Spettur Roxanne Tabone)

Vs

Michael Charles Muscat

Illum 17 ta' Ottubru 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Michael Charles Muscat detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 565644M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-Gżejjer fl-01 ta' Settembru, 2018, u fix-xhur u snin ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. B'għemil żieni, kkorompa lil *Omissis* minuri ta' 13 il-sena meta hu kien tutur ta' l-imsemmi minuri għal xi żmien jew meta l-istess minuri ġie fdat lilu sabiex jieħu ħsieb, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.

2. Fl-istess ċirkostanzi ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-età u ċioè *Omissis* minuri ta' 13 il-sena.

3. Fl-istess ċirkostanzi għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issuplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indeċenti ta' persuni ta' taħt l-eta'.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq imsemmija kif ukoll għal familjari tagħhom.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputat bħala reċediv u dan wara li ngħata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 203 (1) (c), 204C(1) (2) (c) u 208A (1B) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u kkundannatu ghal ghaxar snin prigunerija.

Il-Qorti, wara li rat l-Att dwar Registrazzjoni Ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-

imputat jitnizzel fuq ir-Registru indikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tliet (3) snin millum fejn il-persuna protetta hija *Omissis*.

Kif ukoll ai termini tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta poggiet lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet snin sabiex jinghata l-ghajnuna psikologika necessarja biex jindirizza l-gibdiet sesswali tieghu fil-konfront ta' minuri.

Il-Qorti ordnat id-divjiet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni bil-ghan li tigi protetta l-identità tal-minuri.

Inoltre` b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lil imputat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €1,238 rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti inkluz it-tpingijiet xejn artistici li jinsabu a fol. 38 sa 39 (Dok. JB10 - JB11).

Il-Qorti ordnat li l-atti, flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors u dan fis-eduta tat-3 ta Ottubru 2019.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Michael Charles Muscat,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, thassarha u

tirrevokaha in kwantu ghall-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Michael Charles Muscat huma s-segwenti u cioe`:-

A. **<u>Piena Erogata</u>**

Illi dan huwa appell li jirrigwarda l-piena stante li l-appellanti rregistra ammissjoni. Illi huwa minnu li l-insenjament tal-Qrati superjuri dejjem sahaq li sa certu punt appelli wara ammissjoni huma ftit odjuzi peress li meta wiehed jirregistra ammissjoni, dana jkun qed 'jerhi' lilu nnifsu kompletament f'idejn dik il-Qorti li tkun qed tiggudikah. Illi fuq ton akkademiku, però l-esponenti ma jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Illi dana peress li qabel mal-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' 'sentencing policy' rigida, ma jzommu certu konsistenza u omogenjità fis-sentenzi taghhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-kaz in ezami. Illi inoltre f'kull kaz, Qrati tal-Appell xorta ghandhom jidhlu f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eccessiva jew le.

Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu u cioe` dik ta' ghaxar (10) snin prigunerija hija wahda eccessiva.

Illi qabel xejn, l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979), ta' David Thomas, fejn intqal illi:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p. 236)*

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>** <u>moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003)</u>, il-Qorti qalet illi:

> *'Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha,*

*tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehed ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza … tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero` llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.'*

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, ukoll inghataw opportunità ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioè fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs. Charlot Aquilina** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi l-akkuzat bhall-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi imposta fuqu Ordni ta' Probation.

*'Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli,* ***li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga … u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin … li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv …*** *Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidhrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa*

*inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe` ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali,* ***u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunità sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.****'*

Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>**<u>, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2008</u>, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> 'Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. George Farrugia</u>: *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs … Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilità assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta'***

***persuna ta' età mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'***

Illi inoltrè, qieghda ssir referenza ghad-<u>decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2014 fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry**</u>, f'liema decizjoni l-Qorti tenniet:

*F'dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga' jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f'hajtu […]*

*Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga' tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn […].*

Illi di piu` l-appellant jirrileva illi l-piena fil-kaz de quo hija eccessiva anke in vista tal-fatt illi l-fedina penali tal-appellant hija wahda kwazi netta u ghalhekk jekk ghandu jinstab hati ghandu jitqies u jigi kkunsidrat kwazi bhala *first time offender* fejn fil-fedina penali tieghu ghandu biss kundanna wahda ta' reati simili. Fil-fatt, jigi rilevat illi l-fedina penali esebita fl-inkartament kriminali turi illi l-appellant kwazi qatt ma mess difru mal-gustizzja u ghalhekk huwa bniedem b'fedina penali kwazi kompletament netta.

Illi inoltre l-appellant jirrileva illi fl-erogazzjoni tal-piena, il-Qorti Kriminali ghalkemm hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-appellant kif ukoll il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-appellant jikkontendi illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tinfliggi piena iktar ekwa u gusta tenut kont ta' dawn iz-zewg fatturi.

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-appellant ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proceduri kriminali u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega lanqas illi jixhed il-parti leza f'dawn il-proceduri. Fil-fatt, l-appellant ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fil-prezentata [anke fl-istqarrija rilaxxata minnu mal-Pulizija]. Illi l-appellant jirrileva

illi r-regoli generali li għandhom jiggwidaw il-Qrati fil-kazijiet ta' ammissjoni bikrija fil-proceduri kienu deskritti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha fil-kawża "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002].

F'din l-aħħar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn **Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited** – 2001 edit.) :-

> *"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender.*
>
> *An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908).*
>
> *Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415). The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the*

*following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …"*

Illi inoltre l-appellant jirrileva illi huwa kkopera bi shih mal-Pulizija kif anke rilevat mill-istqarrija esebita fl-inkartament kriminali u ghalhekk il-Qorti kellha tikkunsidra dan ukoll fl-ikkalibrazzjoni tal-piena.

Illi inoltre, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellant huwa bniedem ta' età konsiderevoli fejn ghandu l-età ta' tlieta u sebghin sena, u ghalhekk dan kellu wkoll jimmilita favur l-esponent meta l-Qorti giet biex tapplika l-piena fil-konfront tal-esponent.

Illi inoltre, l-appellant jirrileva illi ghalkemm reati simili huma kundannabbli bla ebda riserva u ghalkemm illum il-gurnata attività sesswali tinkludi kwalunkwe tip ta' attività, mhux kull attività sesswali hija simili u ghandha tigi trattata bl-istess mod. Illi l-appellant jirrileva li l-istess minuri meta gie mitkellem kien qal illi l-appellant kien biesu, nizzillu l-qalziet, mess il-parti genitali tieghu u anke bies il-parti genitali tal-istess minuri. Illi l-appellant jirrileva illi huwa m'ghamilx atti sesswali mal-minuri izda biss bies u mess il-parti genitali tal-minuri. Illi l-appellant jirrileva illi ghalkemm il-paraguni huma odjuzi, hemm diversi kazijiet fejn il-hatja jkunu ppartecipaw b'mod iktar attiv u jkunu ghamlu azzjonijiet ferm aghar ma' minuri u l-piena taghhom kienet ferm inqas mill-piena illi giet inflitta fuq l-appellant.

Ghalhekk il-piena ta' ghaxar (10) snin prigunerija kemm fil-kwalità taghha u sussidjarjament u minghajr pregudizzju fil-kwantità, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioè ta' ghaxar (10) snin prigunerija meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Ikkunsidrat.

Rat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-ismijiet premessi nhar l-4 ta' Ottubru, 2018 fejn dik il-Qorti sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall- ghaxar snin prigunerija.

Ra ir-rikors tal-appell tal-appellant prezentat fir-regustru ta' din l-Qorti nhar it-22 ta' Ottubru, 2018 ( fol. 91) fejn stqarr li jhoss ruhu aggravat mis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu fir-rigward tal- piena moghtija u cioe l-ghaxar snin prignerija effettivi stante li jhoss li hija piena eccessiva in vista ta' l-ammissjoni bikrija tieghu.

Jghid ghandu fedina penali kwazi netta u ghalhekk kellu jtiqies *bhala a first time offender* . Jghid ukoll li l-fedina peanli tieghu turi illi l-appellant kwazi qatt ma mess difru mal-gustizzja u ghalhekk huwa bniedem b'fedina penali kwazi kompletament netta.

Stqarr ukol li minkejja li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal- appellant kif ukoll il-kooperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-appellant jikkontendi illi l-ewwel Qorti kellha tinflingi piena iktar ekwa u gusta tenut kont dawn iz-zewg fatturi.

Jispjega li l-parte civile lanqas ma kellha ghalfejn tixhed f'dawn il-proceduri stante li l-appellant irregistra ammissjoni fi sadju bikri tal-proceduri odjerni kemm waqt il-prezentata kif ukoll qabel meta irrilaxja l-istqarrija tieghu. Jghid ukoll li fattur iehor mitiganti hija l-eta tal-appellant meta kkommeta ir-reat u cioe li kellu tlieta u sebghin sena (73)

Ikkunsidrat.

Illi jidher li dan il-kaz beda meta l-ispettur Paula Ciantar kienet infurmat lil Magistrat ta' l-ghassa Dr Monica Vella li l-akkuzat kellu attivitajiet sesswali mal-minuri ta' erbatax-il sena u cioe certu *Omissis*. Minn qari tal-proces verbal jirrizulta li l-akkuzat kien bies lil dan *Omissis*, nizzillu l-qalziet, mes il-parti genitali tieghu u

sahansitra anke bies il-parti gentiali ta' l-istess minuri. In oltre jirrizulta li dawn l-atti kienu sehhew fir-resienza ta' *Omissis* waqt li dan kien fdat til-kustodja ta' l-akkukzat hlief ghall-okkazjoni wahda meta il-minuri kien mar fir-residenza tal-akkuzat. Jirrizulta wkoll li l-akkuzat kien jiehu diversi ritratti ta' tfal tamparu.

Il-Magistrat ta' l-ghassa kient innominat lil Psikjatra Dr Joe Cassar flimkien mal-psikologa Carmen Sammut sabiex jesaminaw ir-rakkont tal-minuri u jipprovaw jsitabilixxu l-fatti ta' dan l-allegat abbuz. Innominat ukoll lil Dr Martin Bajjada sabiex jghamel dak ix-xoghol necessarju relatat ma dan il-kaz.

Illi Dr Cassar u Dr Carmen Sammut ipprezentaw ir-relazzjoni taghhom fl-atti tal-inkjesta (fol. 48) u stqarrew li dak li qal l-minuri lilhom u cioe' li l-akkzuat biesu fil-*private parts*, nezzalu l-qalziet, tah 5 euro, li biesu fuq ic-cheek xi hames darbiet u li meta kien jghidlu le kien jibqa' jipprova , ghandha mis-sewwa dwar dak li kien gara.

L-akkuzat ma xehdx f'dawn il-proceduri pero' kien irrilaxja stqarrija nhar is-16 ta' Awwissu 2017 waqt l-investigazzjoni mizmuma mill-pulizija fejn stqarr li kien jghamel uzu mill-facebook u kkonferma li *Omissis* kien habib tieghu.

Fl-1 ta' Settembru, 2017 irrilaxja stqarrija ohra markata bhala dok JB 8 esebita a fol. 22 spjega li kien mizzewweg izda kien ottjena id-divorzju. Ikkonferma li ghamel zmien jghix l-Ingilterra pero' qabel kien ighix fl-istitut ta' San Guzepp. Ikkonferma li kellu relazzjoni seswali ma *Omissis* f'okkazjoni wahda. Mistoqsi jekk iridx ghajnuna jghid li le ma jridx u mistoqsi jekk jiddispjacihx ghal dak li ghamel jghazel kif ghandu kull dritt li ma iwegibx. Mistoqsi jekk baqax jiltaqa' ma *Omissis* anke wara li gie mitkellem mill-ispettur Paula Ciantar jghid li iva u kien jiltaqa' mieghu ta 'sikwit. Qal li kien itih il-flus u gieli xtralu xi affarijiet bhal par zraben tal-football u zewg pari zraben ohra.

Nhar it-2 ta' Settembru, 2017 irrilaxja stqarrija ohra (esebita fl-atti a fol. 17 markata bhala dok JB6). Jghid li ritratti ta' *Omissis* kellu diversi kemm tieghu jilghab il-*play station* kif ukoll waqt li qed jistad. Qal ukoll li kien ihobb ipitter u kien ipitter dak li jhobb. Fil-fatt spjega li darba minnhom kien qieghed ghand *Omissis* u dan kien

rieqed fuq is-sufan u dehrlu li meta qam kien qed jilghab bil-parti tieghu u ghalhekk haseb f'dak il-mument u pingih waqt dik l-azzjoni. Jghid li huwa ghandu orjentazzjoni sesswali kemm lejn in-nisa kif ukoll lejn l-irgiel.

Rat ukoll is-sentenza esebita f'dawn l-atti moghtija fil-konfront tal-appellant nhar it-2 ta' Jannar 2012 fejn kien instab hati talli fi zmienijiet differenti kien instab hati ta' reati simili hafna ghal dawn odjerni u ukoll kien irregistra ammissjoni ghal diversi akkuzi ta' korruzzjoni ta' minorenni ta' zewgt itfal kif ukoll ghall-akkuzi rigward pornografija tat-tfal u gie kkundannat sitt snin prigunerija effettiva

Ikunsidrat,

Illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti principalment fil-fatt li ma jaqbilx li meta persuna tammetti kawza tkun qed thalli lilha innifisha f'idejn il-gudizzju tal-Qorti u dan ghaliex l-Qorti xorta ghandha izzomm certu konsistenza u omogenita' fis-sentenzi taghha stante li ma hawnx *sentencing policy* f'dan ir-rigwar. Ghalhekk jghid li din il-Qorti ta' l-appell xorta ghandha tidhol u taghmel ezami profond tac-cirkostanzi kollha biex tara jekk il-piena inflitta hiex eccessiva jew le fic-cirkostanzi.

Issa minn esami ta l-atti processwali jirrizulta li l-ewwel Qorti, meta ġiet biex tikkonsidra l-piena idoneja fil-konfront tal-appellant, ħadet qies in-natura serjissima tar-reatli li dwarhom qed tinstab htija fejn l-innocenza ta' minuri u tfulija sfat sfreggjata irreparabilment proprju minn min kien fdat bit-trobbija ta' l-istess minuri. Hadet in konsiderazzjoni ukol il-karattru refrettarju tal-appellant fejn dan mhux talli pprova jirriabilita ruhu wara li fil-passat instab hati ta reati simili izda **ppersista f'din it-triq ta' perverzjoni li tisfida kul sens ta' umanita u civilta.**[1]

Issa, f'dan l-kaz l-appellant, kien assistit minn avukat difensur quddiem l-ewwel Qorti, x'aktarx – kif jidher li qed jigri ta' spiss – bl-isperanza li l-ammissjoni bikrija tieghu twassal ghal sentenza leggera, iddecieda li jammetti minghajr ebda rizerva.

[1] Sottolinear ta din l-Onorabbli Qorti

Imputat, jew akkuzat, specjalment meta jkun assistit, m'ghandux l-ewwel jammetti b'mod legger imbaghad, meta s-sentenza ma tkunx skond l-aspettattiva tieghu, jissolleva fl-appell kwistjonijiet li setghu gew sollevati quddiem l-ewwel Qorti.

Issa jinghad l-ewwelnett illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha.

Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**[2]).

L-avukat difensur tal-appellant ghamel refenza ghal diversi kawzi ohra ilkoll decizi fejn l-akkuzat f'dawn il-kawza kien isntab hati ta reati simili minn dawn il-Qrati u inghtaw sentenza ta' prigunerija ferm inqas u kien ghalhekk li fil-fehma tieghu hemm certu disparita' fil-piena errogata.

In kwantu ghall-kwistjoni ta' disparita` bejn is-sentenza appellata u s-sentenzi l-ohra citati mill-appellant, filwaqt li bhalma solitament jinghad il-paraguni huma odjuzi – anke ghaliex ic-cirkostanzi fil-kazijiet citati kienu differenti – bhalma ntqal f' **R. vs Large**[3] dwar il-kwistjoni ta' disparita' f'sentenzi [4]:-

[2] Deciz mill-qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta' Dicembru 2005

[3] 3 Cr. App. R. (S) 80, C.A

[4] Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2001) (para. 5-174, p.571

*"The Court will not make comparisions with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant."*

Difatti :

*"The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in Fawcett is satisfied."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

It-test f'**Fawcett** hu f'dan is-sens :

*"Would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice ? (per Lawton L.J. in* ***R vs Fawcett*** [5]*."*

Illi fis-seduta tas-6 ta Dicembru 2018 , quddiem di l-istess Qorti id-difiza talbet li jsir *pre sentencing report* dwar l-akkuzat appellant u l-Avukat Generali li kien prezenti waqt din is-seduta ma oggezzjonax ghal tali talba u l-Qorti laqghet it-talba.

Nhar il-11 ta' Lulju ,2019 dehret il- Probatbion Officer Roanna Custo li pprezentat ir-rapport taghha li gie markat bhala dok CRC. Minn esami ta' dan ir-rapport jirrizulta li ghalkemm l-appellant gharaf li dak li ghamel kien hazin ma jirrizultax li r-rimors tieghu huwa wiehed genwin ghaliex sostna diversi drabi li jiddispjacih biss li qieghed il-habs. Lanqas ma jidher li fehem l-konsegwenzi li huwa seta kellu fuq dan il-guvni. Jirrizulta ukoll li l-appellant ma jridx terapija u irrifjuta kategorikament kwalsiasi kura u ghajnuna ghaliex ma jhossx li huwa ghandu bzonn.

L-Ufficcjal tal-Probabtion ikkonkludiet li l-appellant ghandu problemi fejn jidhlu gibdiet emozzjonali jew sesswali lejn guvintur ta' eta zghira. Ghaldaqstant jirrizulta li jkun fl-interess kemm tieghu kif ukoll tas-socjeta' illi huwa jinghata ghajnuna professjonali f'dan ir-rigward.

[5] 5 Cr. App. R. (S) 158 C.A.)

L-Ufficcjal ta' probation ikkonkludiet bis-segwenti rakkomandazzjoni:-

*" Ir-reat li kkometta Michael Chares Muscat huwa wiehed gravi, specjalment meta tqies il-fatt li din ma kienitx l-ewel darba li huwa ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma minuri. Barra minn hekk , jidher ma jifhimx il-gravita tal-agir tieghu u ghaldaqstant ma jurix rimors jew sens ta' responsabilita lejn il-vitma. L-Ufficcjal tal Probabtion temmen li jkun fl-ahjar interess tal appellant u tas-socjeta li Michael Charles Muscat ikun f'ambjent ristrett fejn ikun jista ukoll jkollu forma ta' supervizjoni psikologika. Dan bil-ghan li jkun zgurat li agir bhala dan ma jergax jirrepeti ruhu.*

*Ghaldaqstant qed jigi umilment rakkomandat li din l-Onorabbli Qorti li s sentenza appellata tigi konfermata fl-intir taghha hekk kif din tkopri l-element punittiv kif ukoll dak trattament tal-appellant. Dan iservi sabiex l-ewwel u qabel kollox tkun zgurata s-sigurta ta-socjeta u ukoll biex Michale Charles Muscat jinghata l-ghajnuna pressjonali necessarja."*

In vista ta' l-ammissjoni tal-akkuzat, ikun opportun li din il-Qorti taghmel xi osservazzjonijiet ta' natura generali dwar il-piena meta akkuzat jammetti l-akkuza migjuba kontra tieghu. Ma hemmx dubbju li bhala regoha generali, meta akkuzat jammetti l-akkuza hu ghandu jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena. Jinghad "*bhala regola generali*", ghax jista' jkun hemm cirkostanzi Ii jkunu jindikaw li tall riduzzjoni m'ghandiex tapphika f'dak il-kaz partikolari, Wiehed naturalment ma jistax jelenka l-kaziet u c-cirkostanzi kollha fejn riduzzjoni fil-piena tkun jew ma tkunx indikata, u dana peress li kull kaz ikollu l-fattispeci partikolari tieghu. Bhala cirkostanzi aggravanti f'dan il-kaz a bazi ta' liema din il-Qorti qisek il-konsiderazzjoni taghha hemm is-segwenti:

1. Il-fatt li l-appellant ghandu 74 sena waqt li l-vitma kellu 14-il sena waqt li gew kommessi ir-reat.
2. Illi l-atti sesswali sehhew proprju fid-dar ta l-istess akkuzat.
3. Il-hsara psikologika li tali agir kellu fuq il-vittma, it-trawma li ser tibqa' mieghu tul hajtu kollha.

4. Il-fatt li l-minuri kien proprju fdat fil-ksutodja tieghu kemm minn ommu kif ukoll-konoxxenza ta' zijuh.
5. Il-fatt li kien jxitri rigali lil-vitma bil-ghan li jghamih u ikun iktar suxxettibli ghall-agir tieghu.
6. Il-fatt li l-appellant gja kkometta reat ta' natura simili u inghta sitt snin prigunerija effettivi u ma tghallimx minn dik l-esperjenza.
7. Il-fatt li kien jigbed ritrati ta konotazzjoni sesswali tal-vitma u ta shabu.
8. Il-fatt li m ghandu l-ebd arimors ta dak li ghamle
9. Il-fatt li jiddispjacih biss ghalih innifsu li qiegehd il-habs minhabba l-akkadut.

Dawn huma kollha fatturi li ghenu lil Qorti tasal ghal gudizzju taghha li l-piena ma ghandhiex tindbidel.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

(a) the punishment of offenders

(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)

(c) the reform and rehabilitation of offenders

(d) the protection of the public

(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata kif donnu xtaq l-avukat difensur (dan qed jinghad ghaliex ma saret l-ebda refenza ghal vitma minrui fir-rikors tal appell) izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Illi f'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti ghandha taghti l-harsien lill-pubbliku in generali u dan ghaliex billi l-appellant ma ghandux interess johrog minn tali perverzjoni, tezisti l-biza rejali ta' repetizzjoni tal-offizi u dan kif tixhed il-fedina penali tieghu, minkejja li id-difza donnha issugeriet li l-Qorti ghandha titratta meighu daqs li kieku hu *a first time offender* u b'hekk ma tatix kaz is-sitt snin prigunerija li hu gja gie kkundannat jghamel, meta instab hati ta' reati simili. Fuq kollox jekk l-appellant verament ghandu xi rieda (u dwar dan il-Qorti ma hiex konvinta li ghandu) li jeghleb il-problema ta' perverzjoni li minnha huwa mahkum jista' jindirizzha minn gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin li joffru servizz ta' psikologa.

Il-Qorti rat li l-appellant illum ghandu erbgha u sebghin sena (74) pero' dan il-fattur m' ghandux jghin lill-appellant sabiex jevadi il-punizzjoni li tant hija misthoqqa f'dan il-kaz. Izda b'din l-eta' l-appellant messu gharaf il-hajja ahjar u zamm il-boghod minn tali attivitajiet illeciti u disgustanti.

In oltre din il-Qorti qiset dak li kkonkludiet il-Probabtion Officer li del resto gie nominat fuq talba ta' l-istess difiza li sotniet li hija tal-fehma li ma ghandux ikun hemm tibdil fil-piena komminata.

Kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti li taqa' fil-parametri tal-ligi.

Illi mill-komputazzjoni li għamlet din il-Qorti l- piena li setghet jingħatat lill-appellant li bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(d) setghet kienet ferm akbar.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi qed tiddikajra li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif ammessi minnu u tikkonferma il–kundanna ta ghaxar snin prigunerija.

Il-Qorti qieghda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat wara li rat l-Att dwar ir-Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ghamlet ordni lir-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali sabiex

isem l-appellant jitnizzel fuq ir-Registru hekk indikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-entenza tigi komuikata lill-imsemmi Registratur.

Qeda ukoll tikkonferma li b'applikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta Malta, l-Qorti tordna l-hrug tal-Ordni ta' protezzjoni ghall perijodu ta' tlett snin mill illum fejn l-persuna protetta hija *Omissis*.

Tikkonferma ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat li ai termini tal- artikolu 412D tal-Kapitolu 9 qieghda tpoggi lil-hati taht Ordni ta' Trattament ghal-zmien tlett snin sabiex jinghata l-ghajnuna psikologika necessarja biex jindirizza l-gibdiet sesswali tieghu fil-konfront tal-minuri.

Din il-Qorti ukoll qeda tordna divjett tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri fi kwalunkwe mezz tax-xandir bil-ghan li tigi protetta l-identita' tal-minuri.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta qeda tikkonferma ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn qeda tikkundanna lill-apppellant ihallas l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta fl-ammont ta' €1,238 rappresentanti spejjez peritali.

Tikkonferma ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti ai fini tal-artikolu 23 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz it-tpingijiet xejn artisitici li jinsabu a fol 38 u 39 (Dok JB 10 u JB 11.) ta l-atti.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef